



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' April, 2004

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kumpilazzjoni u t-trasmissjoni tad-data dwar id-dejn trimestrali tal-gvern

(COM(2003) 761 finali)

(CON/2004/14)

1. Fil-5 ta' Marzu, 2004, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kumpilazzjoni u t-trasmissjoni tad-data dwar id-dejn trimestrali tal-gvern (minn issa 'il quddiem 'ir-regolament propost').
2. Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija abbażi ta' l-Artiklu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropeja, billi d-data li għandha tiġi miġbura u ttrasmissa skond ir-regolament propost se twessa' ir-rappurtaġġ tad-data trimestrali tal-gvern disponibbli għall-analiżi tal-politika monetarja tal-BĊE. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artiklu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv addotta din l-opinjoni.
3. L-għan tar-regolament propost huwa l-kumpilazzjoni u t-trasmissjoni tad-data trimestrali dwar id-dejn tal-gvern kif iddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3605/93 tat-22 ta' Novembru, 1993, dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropeja¹. Ir-regolament propost ma jibdilx l-obbligi tar-rappurtaġġ eżistenti fil-kuntest tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv.
4. Il-BĊE jilqa' ir-regolament propost billi d-data li għandha tiġi miġbura skonu se tikkompleta s-settijiet ta' l-istatistika trimestrali ta' finanza pubbliċi previżti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħtiġijiet ta' Statistika ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) (minn issa 'l quddiem 'il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-EMU'), stabbilit fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Ecofin mill-Kummissjoni Ewropeja (Ewrostat) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-EMU huwa tweġiba għar-rapport tal-Kumitat Monetarju dwar l-eżiġenzi informattivi fi ħdan l-EMU, approvat mill-Kunsill ta' l-Ecofin fit-18 ta' Jannar, 1999, u għat-tieni rapport ta' progress dwar l-eżiġenzi informattivi fi ħdan l-EMU, approvat mill-Kunsill ta' l-Ecofin fil-5 ta' Ġunju, 2000.

¹ ĠU L 332, 31.12.1993, pġ. 7. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2002.

5. Ir-regolament propost se jikkontribwixxi għall-għan ġenerali fil-kumpilazzjoni ta' sistema konsistenti ta' kontijiet trimestrali tal-gvern għall-Unjoni Ewropeja, u b'hekk għaż-żona ta' l-ewro. Huwa jżid mas-settijiet eżistenti tad-data trimestrali tal-gvern kif speċifikat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 264/2000 tat-3 ta' Frar, 2000, dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 dwar l-istatistika ta' perjodu qasir ta' finanzi pubbliċi², fir-Regolament (KE) Nru 1221/2002 ta' l-10 ta' Ġunju, 2002, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet trimestrali mhux finanzjarji għall-gvern ġenerali,³ u fir-Regolament (KE) Nru 501/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu, 2004, dwar il-kontijiet trimestrali finanzjarji għall-gvern ġenerali⁴.
6. Billi r-regolament propost jipprovdi li d-data dwar id-dejn trimestrali tal-gvern se jkollha tiġi ttrasmissa bl-istess skadenza (tliet xhur wara t-tmiem tat-trimestru li għalih id-data tirreferi) bħad-data speċifikata fir-regolamenti msemmija fil-paragrafu 5, din tista` faċilment tiġi ntegrata fis-sistema eżistenti tal-kontijiet trimestrali tal-gvern.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fid-19 ta' April, 2004.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

² ĠU L 29, 4.2.2000, pġ. 4.

³ ĠU L 179, 9.7.2002, pġ. 1.

⁴ ĠU L 81, 19.3.2004, pġ. 1.